# IL-KULT TA' SAN ĠILJAN FIL-GŻEJJER MALTIN

Il-kult ta' San Ġiljan l-Ospedalier fl-Ewropa hu qadim sew, u jeħodna lura għas-seklu VIII meta fil-pontifikat tal-Papa Girgor II [715-731] inbniet f'Ruma knisja dedikata lilu sewwasew fejn illum, minn flokha, insibu l-Knisja ta' San Giuliano dei Fiamminghi fit-triq li tieħu minn San Andrea della Valle għall-Largo Argentina. Interessanti l-fatt li sa minn żmien daqshekk bikri toħroġ ir-rabta karatteristika tal-qaddis mal-kura tal-morda u ta' min m'għandux saqaf fuq rasu, billi l-knisja tas-seklu VIII kellha, bieb u għatba magħha, sptar li fih il-pellegrini Fjammingi f'Ruma kienu jingħataw kenn għall-ewwel tlett ijiem li jqattgħu fil-Belt Qaddisa. Din il-knisja kienet ġiet restawrata minn Robertu, Konti ta' Fjandra, meta kien Ruma fl-1094 biex jingħaqad mal-Kruċjata ta' dawk is-snin. Il-knisja tal-lum inbniet fuq l-istess pjanta oriġinali fl-1675.



Il-kult ta' San Ġiljan f'dawn il-gżejjer aktarx li jaf il-bidu tiegħu lin-Normanni jekk inxebbhuh ma' dak li ġara fi Sqallija mar-*reconquista* Normanna. Sas-seklu XII il-qaddisin meqjuma fi Sqallija u f'dawn il-gżejjer kienu kollha Griegi billi sa minn nofs is-seklu VIII il-Knisja kienet tagħmel ma' dik Biżantina. Bil-mod il-mod u ħelu ħelu, mingħajr strepti żejda, il-Knisja bdiet tiġi Latinizzata bi twaqqif ta' djoċesijiet b'isqfijiet Latini u bl-introduzzjoni ta' kult ixaqleb aktar lejn il-Punent Ruman, b'qaddisin ġodda, fosthom San Ġiljan, San Leonardu, San Martin, San Blas u oħrajn. Hekk insibu b'ħidma Normanna fi Sqallija San Giuliano di Roccella fid-djoċesi ta' Cefalù, u naraw bidla fl-isem tal-belt fuq muntanja, qrib Trapani, li llum jisimha Erice, f'Monte San Giuliano; dan kollu qabel l-1200. Fit-tliet sekli wara din id-data naraw jinbtu knejjes oħra dedikati lil San Ġiljan f'Corleone, f'Calatafimi, f'Catania, f'Siracusa u f'Agrigento.

Id-dokumentazzjoni għall-gżejjer tagħna m'hix daqshekk rikka. Nafu li fl-Isla, meta ġew il-Kavallieri fl-1530, sabu knisja dedikata lil San Ġiljan li kienet fi stat ħażin u li ftit wara, fl-1539, il-capomastro Portugiż tal-Ordni, Diego de Malfreire, b'devozzjoni tiegħu u minn butu, kien reġa' bnieha mill-ġdid fl-istess lokal. It-tradizzjoni tgħidilna li din l-ewwel knisja kienet tmur lura żewġ sekli u nofs, għall-bidu tas-seklu XIV, data plawsibbli ħafna. Jista' jagħti l-każ li l-Knisja ta' San Ġiljan, li l-leġġenda tiegħu hi marbuta mal-kaċċa, kienet inbniet sewwasew hemmhekk billi dak l-ilsien art kien art ta' kaċċa, kif kien għaraf tajjeb il-Gran Mastru d'Omedes meta qata' għalih riserva tal-annimali għall-kaċċa fl-istess post.

Il-knisja fis-subborg tagħna ta' San Ġiljan, magħrufa wkoll bħala Ta' Lapsi, żgur li kienet teżisti fl-1590 meta tissemma bħala referenza fl-irjiħat tal-art tal-Karmelitani f'donazzjoni notarili ta' dak iż-żmien. Il-fatt li ma tissemmiex fir-rapport ta' Dusina tal-1575 fost il-knejjes rurali ta' Birkirkara ma jfissirx li ma kenitx hemm f'dik is-sena. Imma Dusina jsemmi knejjes oħra rurali, waħda fil-limiti tar-Rabat ta' Malta, u oħra f'Ħal Luqa li tissemma wkoll f'diversi atti notarili li jibdew sa mill-1500. Din il-knisja



*Il-Granmastru F. Juan D' Omedes*



f'Ħal Luqa, aktar 'il quddiem ġiet inkorporata mal-knisja parrokkjali tar-raħal.

F'Għawdex però niltaqgħu ma' diversi knejjes oħra dedikati lill-qaddis tagħna kif nistgħu naraw minn għadd ta' atti notarili oħra tas-seklu XVI. Insibu xejn anqas minn ħamsa minn dawn ir-referenzi: fl-1559 għandna San Ġiljan tal-Għamburi, fl-1568 San Ġiljan tal-Għarb, fl-1570 l-Għalqa tal-Blata fil-kuntrata ta' San Ġiljan, kif ukoll San Ġiljan ta' Mlit, u fl-1587 San Ġiljan tal-Imġarr.

Forsi l-aktar informazzjoni sinjifikanti hi r-referenza għall-Isptar ta' San Ġiljan fiċ-Ċittadella. Hawnhekk nafu li fl-1454 kien inbena sptar minn ċertu Franġisku Bonnici li sal-1569 aktarx li kien bidel ismu għal Santu Spirtu. Taħt l-influwenza tal-kavallieri – Ordni militari imma wkoll ospedalier – insibu li l-isptar reġa' bidel ismu għal San Ġiljan Ospedalier. Jidher għalhekk li taħt l-influenza tal-Ordni, f'dawn il-gżejjer ukoll jinqalgħu ż-żewġ karatteristiċi ewlenin tal-qaddis:
l-Ospedalier, f'Għawdex, u l-Kaċċatur, fl-Isla.

**Prof. Stanley Fiorini**

*Knisja ta' San Giulianodei Fiamminghi f'Ruma*